MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 193/2003

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd**

**vs**

**George Barbara**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 t'April tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u ghoxrin Liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (LM1727.87,0), rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija konsistenti fi prodotti**

**ta' ikel mibjugha u debitament konsenjati lilu u ghal "Granpa's Takeaway Restaurant", izda mhux imhallsa skond kif jidher fuq l-istatement anness u mmarkat Dok. A;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju tas-sena 2000, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dokument esebit mill-istess socjeta' attrici;**

**Rat in-nota tal-konvenut George Barbara datata d-29 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha nforma lill-qorti li kien qed jammetti t-talbiet attrici;**

**Illi in vista ta' l-istess ammissjoni tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut George Barbara ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (LM1,727.87,0), rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija kif dedott fl-istess avviz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------